

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI (UE) 2019/2224 TAL-PARLAMENT EWROPEW

**tat-23 ta' Ottubru 2019**

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, Taqsima II — Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill**

**IL-PARLAMENT EWROPEW,**

- wara li kkunsidra l-baġit ġeneralni tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 (¹),
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 (COM(2018)0521 – C8-0320/2018) (²),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifikasi interni mwettqa fis-sena 2017,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Audituri dwar l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2017, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet, (³),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni (⁴) dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Audituri għas-sena finanzjarja 2017 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 (⁵) li tiddifferixxi d-deċiżjoni ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2017, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li takkumpanjaha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġeneralni tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (⁶), u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 99, 164, 165 u 166 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġeneralni tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (⁷), u b'mod partikolari l-Artikoli 59, 118, 260, 261 u 262 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0010/2019),

1. Jichħad il-kwittanza lis-Segretarju ġenerali tal-Kunsill għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2017;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblifikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

*Il-President  
David Maria SASSOLI*

*Is-Segretarju ġeneral  
Klaus WELLE*

(¹) ĠUL 51, 28.2.2017.

(²) ĠUC 348, 28.9.2018, p. 1.

(³) ĠUC 357, 04.10.2018, p. 1.

(⁴) ĠUC 357, 04.10.2018, p. 9.

(⁵) ĠUL 249, 27.9.2019, p. 25.

(⁶) ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

(⁷) ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.